MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 357/2005

**Emanuel Tanti ghan-nom ta' Kanadis Auto Dealer**
**vs**

**Gilbert Buhagiar**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-1 ta' Frar, 2005, fejn intalab il-hlas ta' sitt mija u sebgha u tmenin lira Maltija (Lm687.00), bilanc fuq vettura Ford Escort mibjugha mill-attur lill-konvenut, li baqa' ma hallasx.**
**Intalab il-hlas tal-bilanc u l-ispejjez kontra l-intimat inkluzi dawk tal-mandat, u bil-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenuti prezentata fis-17 ta' Marzu, 2005, fejn intqal illi l-ammont mitlub huwa eccessiv kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.**
**Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.**

**Bl-ispejjez inkluzi tal-prezenti kontra l-attur.**

**Semgha x-xhieda ta' David Tanti, Gilbert Buhagiar u Carmen Buhagiar. Ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha t-trattazzjoni.**

**Ikkunsidra :**

**1. L-attur qed jitlob bilanc fuq xiri ta' vettura.**

**2. Il-konvenut qed jallega li hallas aktar milli qed jiddikjara l-attur u ghalhekk l-ammont mitlub huwa eccessiv.**

**3. Fic-cirkostanzi l-provi dwar il-hlas jinkombu fuq il-konvenut.**

**4. Gilbert Buhagiar xehed li l-prezz miftiehem kien ta' Lm4,300. Huwa jikkonferma li ffirma l-iskrittura Dok.A esebita a fol-17 tal-process li hu l-ftehim tal-bejgh datat 15 ta' Mejju, 2003.**

**5. Skond il-konvenut, hu hallas mitejn lira Lm200 deposit, elf u hames mitt lira (Lm1500) meta ha l-karozza, elf u tlett mitt lira (Lm1300) thallsu fit-30 ta' Gunju, 2003. Il-bilanc ta' elf u tlett mitt lira kellu jithallas f'rati mensili matul sena. Skond il-konvenut l-ahhar pagament li effettwa kien fit-30 ta' Jannar, 2004.**

**6. Mill-ircevuti esebiti, apparti t-tpacija li saret bejn il-partijiet, mill-ircevuta datata 9 ta' Settembru, 2003, meta thallsu erba' mitt lira rrizulta li kien ghad fadal bilanc ta' erbgha mija u sebgha u tmenin lira (Lm487.00).**

**7. Ghalhekk mill-provi mismugha l-ammont li fil-fatt huwa dovut huwa dak fis-somma ta' erba' mija u sebgha u tmenin lira (Lm487.00) u mhux l-ammont mitlub.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici limitatament fis-somma ta' erba' mija u sebgha u tmenin lira Maltija (Lm487.00), u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur l-imsemmija somma ta' erba' mija u sebgha u tmenin lira (Lm487.00).**

**Fic-crikostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------